MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 781/2008

**David Martin (ID 530948 M)**

**vs**

**Goldvest Company Limited (C 18266)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas- Socjeta' konvenuta ghal hlas ta' elf, erba' mija, tnejn u ghoxrin ewro u tlettax-il centezmu (€1422.13) rapprezentanti hlas ta' arretrati ta' 'leave' dovuti lilu sat-8 ta' Jannar, 2008 u cioe' d-data li fiha kien terminat mis-socjeta' intimata l-impieg ta` l-attur bhala General Manager ta` l-Imperial Hotel li hija gestita mis-socjeta' konvenuta.

Oltre s-sorte is-socjeta' konvenuta ghandha thallas l-ispejjez ta` l-ittra ufficjali datata 17 ta' Lulju, 2008, l-ispejjez ta` l-ittra ufficjali tas-26 a' Awissu, 2008 skond l-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ispejjez tal-

mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma` dan l-att, flimkien ma` l-imghax legali b’effett mit-28 ta’ Awissu, 2008 sad-data ta` l-effettiv pagament.

Is-socjeta’ konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-17 ta’ Novembru, 2008 mill-Avukat Dr. Alessia Zammit Mc Keon..

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------